# Is-Sillabu tat-Tielet Sena tas-Sekondarja

# (fil-qosor u aġġornat)

# Ippubblikat fl-2014

***Is-Sillabu Uffiċjali:*** http://curriculum.gov.mt/en/Curriculum/Form-3-to-5/Pages/default.aspx

| It-Taqsima/il-Ħila | Il-Kontenut |
|---|---|
| **It-Taħdit / il-Proġett** | L-istudenti huma mħeġġa biex jagħmlu riċerka u preżentazzjoni fuq:<br>1. Temi Kurrenti<br>2. Ir-Rumanz Malti<br>(Għal aktar tagħrif, ara ċ-ċirkulari DCM133/2014: http://malti.skola.edu.mt/wp-content/uploads/2014/11/Tahdit_Frm_3.pdf) |
| **Is-Smigħ mill-Qari** | L-għalliema jistgħu jużaw testi minn reġistri varji. Għal aktar tagħrif fuq it-tfassil tat-testi għas-smigħ, ara l-linji gwida għall-eżamijiet tat-tielet sena: http://malti.skola.edu.mt/wp-content/uploads/2014/10/Linji_gwida_ezamijiet_frm_3.pdf) |
| **Il-Grammatika** | • Il-Partiċipju Attiv<br>• Il-Partiċipju Passiv<br>• Kelmiet il-Għadd<br>• Il-Forom tal-Verbi (Tiswir u Tifsir)<br>• Is-Sentenza u l-Verb – Tifsira, Sura u Struttura<br>• Il-Partiċelli b'mod ġenerali, il-Prepożizzjoni u l-Verb Prepożizzjonali |

| It-Taqsima/il-Ħila | Il-Kontenut |
|---|---|
| **Il-Kitba ta' Komponiment** | Għan-numru ta' kliem li mistennija jiktbu l-istudenti skont il-livelli ara l-linji gwida għall-eżamijiet tat-tielet sena: http://malti.skola.edu.mt/wp-content/uploads/2014/10/Linji_gwida_ezamijiet_frm_3.pdf)<br><br>Il-kitba għandha tkun deskrittiva, narrattiva u argumentattiva. Il-kitba argumentattiva tinkludi tista' tinkludi:<br>• Opinjoni personali<br>• Vantaġġi u żvantaġġi<br>• Suġġetti topiċi<br>• Djalogi<br>• Dibattiti |
| **Il-Kitba Funzjonali** | Għan-numru ta' kliem li mistennija jiktbu l-istudenti skont ir-rotta tagħhom ara l-linji gwida għall-eżamijiet tat-tielet sena tas-sekondarja: http://malti.skola.edu.mt/wp-content/uploads/2014/10/Linji_gwida_ezamijiet_frm_3.pdf).<br>Il-ġeneri ta' kitba huma:<br>• Kif tikteb storja<br>• Avviż/riklam<br>• Kif tiddeskrivi festi u ċerimonji.<br>• Reċensjoni ta' ktieb, dramm, film. |
| **Il-Fehim it-Test** | Testi għall-fehim il-qari minn reġistri varji, kemm fittizji kif ukoll fattwali. Għat-tul u n-natura tat-test u l-mistoqsijiet, ara l-linji gwida għall-eżamijiet tat-tielet tas-sekondarja: http://malti.skola.edu.mt/wp-content/uploads/2014/10/Linji_gwida_ezamijiet_frm_3.pdf. |
| **Il-Poeżija** | Mill-Antoloġija ***Nadriet 3,*** isiru dawn il-poeżiji:<br>• Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti ta' Ġorġ Borg (pġ. 2)<br>• Pitirross ta' Victor Fenech (pġ. 4)<br>• Waħdi ta' Rużar Briffa (pġ. 14)<br>• Waħdi ta' Dun Karm (pġ. 20)<br>• Matul is-Snin tal-Ħajja ta' Ġużè Chetcuti (pġ 36)<br>• Ħabbata ta' Marjanu Vella (pġ. 42) |

| It-Taqsima/il-Ħila | Il-Kontenut |
|---|---|
| **Il-Proża:**<br><br>**In-Novelli** | ***Stejjer għal qabel jidlam*** ta' Oliver Friggieri.<br><br>L-għalliem għandhom jagħmlu sitt novelli mill-għażla li ġejja:<br><br>• Meta Dħalt fl-Isqaq (pġ. 39)<br>• Sold għall-Ħamiem, Sinjur! (pġ. 57)<br>• Il-Festa tan-Nar (pġ. 69)<br>• Barabba (pġ. 76)<br>• Ir-Raġel tal-Klieb (pġ. 83)<br>• It-Tifel tal-Baħar (pġ. 90)<br>• Sitt Xhur mhuma xejn (pġ. 97)<br>• It-Tabib ta' Nhar ta' Sibt (pġ. 104)<br>• L-Ewwel Telefonata (pġ. 162)<br><br>(Ara ċ-ċirkulari DCM 10/2014: http://malti.skola.edu.mt/wp-content/uploads/2014/06/avviz10-sillabu3-sek2014.pdf) |
| **Il-Qwiel** | Għażla ta' qwiel biex isiru fil-klassi f'kuntesti ta' taħdit u kitba. Uħud minn dawn jistgħu jintużaw għal skop t'assessjar fl-eżamijiet summattivi. M'għandhomx jingħataw fil-forma ta' lista biex l-istudenti jitgħallmuha bl-amment. Il-qwiel huma:<br><br>• Kappell ma jmejjilx lill-ieħor.<br>• Raqqa' l-pannu bil-qaraħmar.<br>• Bil-kelma t-tajba toħroġ il-far mit-toqba.<br>• Fl-aħħar tal-mazzita ssib iż-żbiba.<br>• Il-ħanżir taqtagħlu denbu ħanżir jibqa'.<br>• Min mejjet fis-sakra u min mejjet għal qatra.<br>• Il-lupu jibdel sufu imma mhux għemilu.<br>• Il-qasba ma ċċaqċaqx għalxejn.<br>• L-ispiżjar milli jkollu jtik.<br>• Bla flus la tgħannaq u lanqas tbus.<br>• Il-musmar il-ġdid jaqla' l-qadim.<br>• Tinfaxxax rasek qabel taqsamha.<br>• Għidli ma' min tagħmilha u ngħidlek x'int.<br>• Ħabib kulħadd u ħabib ħadd.<br>• Fil-għaqda s-saħħa./Fil-kotra s-saħħa. |

| It-Taqsima/il-Ħila | Il-Kontenut |
|---|---|
| **L-Idjomi** | Għażla libera ta' idjomi minn kuntesti/reġistri varji u li jintużaw fit-taħdit ta' kuljum. L-għalliema għandhom jaraw li jidentifikaw idjomi ħajjin u li jistgħu jintużaw mill-istudenti kemm fit-taħdit kif ukoll fil-kitba tagħhom. (Ara ċ-ċirkolari – CMeLD 219/2013 http://malti.skola.edu.mt/wp-content/uploads/2013/06/cmeld219_qwielidjomi.pdf) |
| **L-Eżamijiet Annwali** | Bħala linji gwida għat-tifsila u t-tqassim tal-karti tal-eżamijiet annwali għat-tielet sena tas-sekondarja ara l-Linji Gwida: http://malti.skola.edu.mt/wp-content/uploads/2014/10/Linji_gwida_ezamijiet_frm_3.pdf) |